# Rapport Ġenerali fuq il-Karti tal-Eżamijiet ta' Frar 2011

Fis-sena skolastika 2010-2011 analizzajna l-karti tal-eżami ta' nofs is-sena li ngħataw fir-raba' sena. B'mod ġenerali kkonkludejna li l-karti mogħtija għandhom livell tajjeb. Ħafna mill-għalliema jimxu fuq it-tfassil tal-karta li toħroġ mill-Matsec. Din hija prattika tajba. Iżda minkejja dan, jidher li hemm ftit nuqqas ta' għarfien fit-teknika tat-tfassil. Waqt dan il-proċess għandha tingħata attenzjoni kbira lil numru ta' fatturi li jgħinu biex ikun hemm validità għolja li hija l-aktar karatteristika importanti li tagħmel karta tajba. F'dan ir-rapport se nuru x'osservajna biex hekk ċerti nuqqasijiet ma jibqgħux isiru.

L-eżami tal-Malti fir-raba' sena, fil-biċċa l-kbira tal-iskejjel hu maqsum f'żewġ karti – Lingwa u Letteratura. Sibna xi wħud li jagħtu karta waħda. Nissuġġerixxu li f'dan il-livell l-iskejjel tal-Knisja jagħtu **żewġ karti**. F'dawk li osservajna li kellhom karta waħda qed iħallu komponenti importanti barra bħat-taħriġ il-fehem u l-komponiment ġenerali jew inkella jtawlu l-ħin tal-eżami biex jidħol kollox. L-aħjar ikun hemm żewġ karti u din il-problema tissolva. B'żewġ karti l-istudenti jistgħu jesprimu ruħhom aħjar u jħossuhom ippreparati iktar għall-eżami li huma ħa jagħmlu fis-sena ta' wara.

## Il-Header

F'din il-parti titniżżel l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-eżami. Jitniżżlu l-isem tal-iskola, liema sena u liema parti tas-suġġett qed ikunu eżaminati (lingwa jew letteratura) u l-ħin.

### X'osservajna

1. Sibna karta li fiha biss l-emblema tal-iskola u allura min jara l-karta u ma jkunx membru ta' din l-iskola ma jkunx jista' jidentifika minn liema skola ħarġet. L-għalliem għandu jkun kburi bil-karta li pprepara għall-istudenti tal-iskola tiegħu.

2. Jekk b'mod ġenerali l-isem tal-iskola dejjem jinkiteb u jkun referut għalih bl-Ingliż mela m'hemmx għalfejn neqilbuh għall-Malti. Din diġà għednieha fir-rapport tas-sena l-oħra. L-isem jista' jinkiteb "Skola St X". Imbagħad sibna sottotitli bħal "Mid-Year Examinations", "Maltese", "Duration", "Half Yearly Tests", "Time Allowed" "Term 1 Examinations". Nissuġġerixxu li dawn jinkitbu bil-Malti. Jekk il-prattika tal-iskola hija li l-ewwel faċċata tkun l-istess għas-suġġetti kollha, dan jista' jibqa' jsir iżda faċilment il-kliem Ingliż jinqeleb għall-Malti u l-format jibqa' l-istess. Naħseb aħna l-għalliema tal-Malti għandna ninsistu biex dan isir bħala sens ta' kburija lejn il-lingwa tagħna li tista' tkun użata f'kull qasam tal-ħajja.

3. Sibna karta li bħala ħin kien hemm imniżżel sagħtejn u nofs. Dan ġara minħabba li fil-karta kien hemm il-letteratura u l-lingwa flimkien. Nafu li dan mhux se jerġa' jiġri għax l-iskola kkonċernata qasmet iż-żewġ fergħat u issa jingħataw żewġ karti. Iżda nissuġġerixxu li fil-livell sekondarju l-ebda karta m'għandha tkun itwal minn sagħtejn. Din hija r-raġuni l-għaliex il-karta tal-kitba fil-Matsec hi twila siegħa u tliet kwarti. Il-kwarta l-oħra tittieħed għall-Oral. Jekk jagħtu karta (kitba) ta' sagħtejn u mbagħad ikun hemm l-Oral ikunu qed jaqbżu l-limitu li huma marbutin bih fil-livell tas-sekondarja.

## L-Ewwel Karta – Lingwa

### Il-komponiment ġenerali

Komponiment ġenerali fil-karta tal-Lingwa għandu jingħata dejjem. Sfortunatament mhux kulħadd qed jagħmel dan.

Kważi fil-karti kollha ngħatat l-għażla ta' 5 titli. Sibna karta li fiha ngħatat l-għażla ta' 7 titli. F'oħra ssib 6 titli. Għażla ta' 6 u 7 titli hi kbira wisq. Aktar ma l-għażla tkun kbira aktar qed jonqos il-livell ta' validità. Barra minn hekk hemm it-tendenza li aktar ma jkun hemm għażla aktar hemm iċ-ċans li se ssib studenti li jaħlu l-ħin sakemm jiddeċiedu liema se jagħżlu.

Nissuġġerixxu li l-għażla tkun bejn **4** titli ta' ġeneri differenti : wieħed ta' xejra narrattiva, wieħed ta' xejra deskrittiva, wieħed ta' xejra argumentattiva u wieħed ta' xejra espożitorja.

F'dan il-livell tajjeb li nimxu mal-Matsec.

### It-taħriġ il-fehem

Dan l-eżerċizzju wkoll huwa komponent importanti fil-karta. Sibna xi karti mingħajr it-taħriġ il-fehem. Ma naqblux ma' din il-prattika u nħossu li huwa nuqqas kbir.

Is-silta magħżula m'għandhiex tkun letterarja. Dan hu eżami tal-lingwa u mhux tal-letteratura.

Importanti li s-silta magħżula tkun oriġinali u mhux meħuda minn xi eżerċizzju ta' taħriġ il-fehem lesta minn xi ktieb jew rivista. Eżami b'validità għolja hu dak li l-kontenut ikun qed jidher għall-ewwel darba dak il-ħin fl-eżami. Jekk jingħata fehim it-test użat diġà m'hemmx garanzija li l-istudenti ma jkunux għamluh qabel.

Ikkunsidraw it-tul tas-silta. La tkun twila żżejjed u lanqas qasira żżejjed. L-aħjar is-silta tkun madwar 400 kelma. Fl-aħħar tas-silta iktbu minn fejn ittieħdet u jekk editjajtuha, kif normalment hekk jiġri, iktbu li hija "adattata".

Il-mistoqsijiet iridu jkunu ta' xeħta referenzjali u inferenzjali. Osservajna li hemm it-tendenza li l-mistoqsijiet ikunu ta' xeħta referenzjali biss. Meta jiġri hekk ma nkunux qed nilħqu validità għolja fl-eżerċizzju. Jekk ikun hemm mistoqsijiet referenzjali biss ifisser li m'hemmx gradazzjoni u li t-taħriġ il-fehem hu ħafif wisq bil-konsegwenza li ma nkunux qed nagħmlu ġustizzja ma' min hu ta' livell għoli u nkunu qed nagħtu stampa ħażina lil min hu ta' livell anqas għax jaħseb li laħaq il-livell mistenni.

Bħala numru ta' mistoqsijiet naħsbu li tajjeb li jkun hemm bilanċ. Erba' mistoqsijiet huma ftit imma għaxra huma ħafna. Fl-eżami tal-Matsec jingħataw sitt mistoqsijiet u fil-karti li osservajna ħafna minnhom jagħtu sitta.

Nissuġġerixxu li fit-taħriġ il-fehem, għax hu taħriġ ta' kemm wieħed jifhem u mhux ta' kemm jaf jikteb, m'għandhomx jitnaqqsu marki għall-ortografija.

## Għarfien il-Lingwa

B'sodisfazzjon innutajna li din is-sezzjoni ngħatat f'dawk il-karti kollha li taw it-taħriġ il-fehem. Din is-sezzjoni, fil-Matsec, għandha numru sostanzjali ta' marki u teżamina l-vokabularju tagħhom.

## Il-Grammatika

F'din is-sezzjoni, importanti li jkun ċar kemm qed jingħataw marki għal kull *item*. Mhux biżżejjed li niktbu fuq in-naħa ta' fuq l-ammont totali ta' din is-sezzjoni.

Il-marki jvarjaw minn karta għal oħra. Ingħataw dawn il-marki :

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | 10 | 14 | 18 | 20 | 23 | 24 | 25 | 27 | 29 | 31 | 35 | 40 |

Hawn min jgħid li 14-il marka fil-karta tal-Matsec huma ftit meta toqgħod taħseb kemm inqattgħu ħin ngħallmu l-grammatika fil-klassi. Dan hu argument validu. Huwa minnu wkoll li bosta studenti jitilfu ħafna mill-marki tal-grammatika.

Naħsbu li l-aħjar huwa bilanċ. 8 marki huma ftit u 40 min-naħa l-oħra huma ħafna. 20 marka huma raġonevoli.

Sibna li l-karti li fihom jingħataw ħafna marki għall-grammatika jkunu qed jeżaminaw l-istess topiks għal ħafna drabi. Meta fil-verità wieħed jista' jifrex il-marki fuq numru akbar ta' topiks ... u dan ma jfissirx li jridu jkunu grammatika bilfors. Inutli tagħti ħafna marki lill-grammatika mbagħad tħalli komponenti oħra bħat-taħriġ il-fehem barra.

Sibna karta li kien fiha terminoloġija tqila tal-grammatika bħall-pronomi akkużativi u dativi. Aħna tal-fehma li nżommu l-grammatika sempliċi kemm jista' jkun biex ma naljenawx lill-istudenti bi kliem li mhuwiex daqstant importanti.

## L-Aspett Simboliku

Din is-sezzjoni sibnieha fil-biċċa l-kbira tal-karti. Għal dawn l-aħħar sentejn, sakemm jinbidel is-sillabu, nissuġġerixxu li din is-sezzjoni tingħata bħall-eżami tal-Matsec. Interessanti li f'karta minnhom, fejn tħalliet din is-sezzjoni barra, kien hemm ammont kbir ta' marki li ngħataw lill-grammatika. Din is-sezzjoni setgħet ġiet inkluża faċilment billi tnaqqsu ftit *items* mill-grammatika.

Il-marki għal din is-sezzjoni jvarjaw ukoll minn karta għal oħra. L-inqas marki kienu 2 u l-aktar 15. Naħsbu li 15-il marka fuq qwiel u idjomi huma ħafna. L-aħjar li nżommu mat-8 marki bħall-eżami tal-Matsec.

## Il-Malti Komunikattiv

Din is-sezzjoni tħalliet barra f'xi karti wkoll. Nissuġġerixxu li tkun inkluża. Fil-karti li tħalliet barra, bħal fil-każ tal-qwiel u l-idjomi, ingħataw ammont kbir ta' marki lill-grammatika meta faċilment setgħu tnaqqsu biex isir dan l-eżerċizzju.

F'dan l-eżerċizzju ngħataw kitba ta' avviż, reklam, ittra informali, ittra formali, rapport, djalogu u taqsira.

Kien hemm karta fejn ingħatat l-għażla bejn ittra formali u ittra informali. Importanti li l-għażla tkun ekwa. L-ewwel nett l-ittra informali mhux ta' min jagħtiha għax dik it-tip ta' kitba aktar tingħata fl-ewwel snin tas-sekondarja. Barra minn hekk min jagħżel l-informali għandu inqas x'jiftakar bħala *format* milli fl-ittra formali. Idealment ma tingħatax għażla imma joħroġ titlu wieħed. Hekk biss jista' jkun hemm validità għolja. Iżda ladarba fil-Mastec jagħtu l-għażla bejn żewġ ġeneri, allura nifhmu li ħafna mill-għalliema jagħmlu l-istess.

## It-Tieni Karta – Letteratura

Naqblu ħafna ma' dawk li jagħtu karta separata tal-letteratura. B'dan il-mod l-istudenti jkunu ħafna aktar ippreparati għall-eżami li jridu jagħmlu fl-aħħar tal-ħames snin.

B'mod ġenerali naħsbu li l-livell tal-karti kien tajjeb.

Ħafna drabi l-karta tal-letteratura ta' Frar, fir-raba' sena, tkun ikkonċentrata fuq tema waħda. Il-biċċa l-kbira eżaminaw it-tema *Il-Protesta* filwaqt li oħrajn eżaminaw *Ir-Rispett fil-Familja*. Tajjeb li taraw b'mod ġenerali it-tqassim tal-karti biex hekk tieħdu idea u forsi jkun hemm min jixtieq jevalwa t-tqassim tiegħu fid-dawl tal-bqija.

| | |
|---|---|
| **1.** | Tema: *Ir-Rispett fil-Familja*<br><br>Referenza proża (15-il marka)<br>Komponiment wieħed mingħajr għażla (35 marka)<br><br>Marka minn 50 u tinqaleb għal mija |
| **2.** | Tema: *Ir-Rispett fil-Familja*<br><br>Referenza poeżija (25 marka)<br>Referenza proża (25 marka)<br>Żewġ komponiment jagħżlu wieħed (50 marka) |

| | |
|---|---|
| **3.** | Tema: *Il-Protesta*<br><br>2 referenzi poeżija jagħżlu waħda (15-il marka)<br>2 referenzi proża jagħżlu waħda (15-il marka)<br>2 komponimenti jagħżlu wieħed (30 marka) |
| **4.** | Tema: *Il-Protesta*<br><br>Referenza proża (22 marka)<br>Referenza poeżija (38 marka)<br>Komponiment mingħajr għażla (40 marka) |
| **5.** | Tema: *Ir-Rispett fil-Familja* u *Tifkiriet*<br><br>Referenza poeżija minn Tifkiriet<br>Referenza poeżija minn Ir-Rispett fil-Familja<br>Referenza proża minn Ir-Rispett fil-Familja<br><br>N.B. Din il-karta ma kellha l-ebda indikazzjoni tat-tqassim tal-marki. |
| **6.** | Tema: *Il-Protesta*<br><br>Referenza proża (30 marka)<br>Referenza poeżija (30 marka)<br>Komponiment wieħed mingħajr għażla (40 marka) |
| **7** | Tema: *Il-Protesta*<br><br>Referenza poeżija (15-il marka)<br>Referenza proża (15-il marka)<br>Komponiment wieħed mingħajr għażla (35 marka) |
| **8** | Tema: *Tifkiriet* u *Protesta*<br><br>Referenza poeżija (15-il marka) Tifkiriet<br>Referenza proża (15-il marka) Tifkiriet<br>3 titli (waħda Tifkiriet u tnejn Protesta) u jagħżlu tnejn (35 marka kull waħda) |
| **9** | Tema: *Protesta* u *Ir-Rispett fil-Familja*<br><br>2 referenzi poeżija (waħda minn kull tema) (19-il marka)<br>2 referenzi proża (waħda minn kull tema) (19-il marka)<br>Komponiment minn Protesta – għażla minn 2 titli (44 marka)<br>Komponiment minn Ir-Rispett fil-Familja – għażla minn 2 titli (44 marka) |

| | |
|---|---|
| **10** | Tema: *Il-Protesta* u *Ir-Rispett fil-Familja*<br><br>Referenza poeżija (19-il marka)<br>Referenza proża (21 marka)<br>Referenza poeżija minn Ir-Rispett fil-Familja (20 marka)<br>Żewġ komponimenti biex jagħżlu wieħed mit-tema Il-Protesta (35 marka) |
| **11** | Tema: *Il-Protesta*<br><br>Referenza poeżija (15-il marka)<br>Referenza poeproża (15-il marka)<br>2 komponimenti biex jagħżlu wieħed (35 marka) |

Kif wieħed jista' jinnota kull karta hi differenti minn oħra.

Kien hemm karti fejn intużaw stampi li jmorru mar-referenzi. Nissuġġerixxu (**u dan jgħodd għall-ewwel karta wkoll**) li l-istampi ma jintużawx biex jiddekoraw u jaqtgħu l-monotonija. F'eżami, stampa tintuża biss jekk hemm mistoqsija diretta marbuta magħha. It-tendenza hi li jkollok studenti li joqogħdu jaħlu l-ħin ipinġuha u jintilfu jħarsu lejha.

F'karta rridu noqogħdu attenti li ċerti *items* ma jkunux jgħinu fit-tweġibiet ta' *items* oħra. Ladarba l-eżami hu fuq tema waħda biss, jekk jingħataw karta bħall-eżempju ta' numru **3** (*fit-tabella*) it-tendenza hi li se jkun hemm ħafna informazzjoni li tgħin. Eżempju jekk ingħatat l-għażla bejn 2 poeżiji u mbagħad għażla bejn 2 prożi, it-titlu tal-komponiment letterarju wisq probabbli se jkun jitlob li jiddaħħlu dawk ix-xogħlijiet li ħarġu wkoll fir-referenza għall-kuntest.

Kemm jista' jkun dan għandu jkun evitat. Aktar u aktar li ma jingħatawx żewġ titli biex jagħżlu wieħed. Naħsbu hekk għax f'tema waħda bi tmien xogħlijiet ma tantx hemm fejn iddur mingħajr ma tirrepeti jew tkun qed tagħti *items* li jidħlu f'xulxin. B'hekk tkun qed tonqos il-validità.

Fl-opinjoni tagħna l-aħjar eżempji ta' tqassim huma numru **6** u numru **7** tat-tabella. M'hemm l-ebda għażla u fejn m'għandekx għażla hemm livell għoli ta' validità. Barra minn hekk fil-karta kien hemm istruzzjoni biex fil-komponiment letterarju ma jinkludux ix-xogħlijiet li ngħażlu fir-referenza. X'jiswa li jdaħħlu xogħol tar-referenza meta għandhom ix-xogħol stampat quddiemhom u l-mistoqsijiet (li huma jkunu wieġbu diġà) jgħinuhom jiftakru aktar fl-interpetazzjoni.

Punt ieħor huwa li l-mistoqsijiet fir-referenzi kollha, kemm jista' jkun, ikunu tal-istess tip. Innutajna li kien hemm karti fejn it-total tal-marki minn referenza għal oħra huma differenti. L-aħjar li jkunu l-istess. Jekk fl-ewwel mistoqsija ta' referenza A ntalbu jiktbu l-ħsieb mela f'referenza B jintalbu jagħmlu l-istess ħaġa. Ir-referenzi l-aħjar li jkunu tal-istess livell ta' diffikultà speċjalment jekk hemm l-għażla bejniethom u għandu jkollhom l-istess marki. Ma

stajniex nifhmu kif f'karta rajna li referenza waħda għandha 20 marka u fl-oħra għandha 21. Dan m'għandux isir.

Il-mistoqsijiet għandhom ikunu ċari kemm jista' jkun u nevitaw mistoqsijiet twal li fihom huma mistennija li jwieġbu aktar minn ħaġa waħda. F'dak il-każ l-aħjar li l-mistoqsija tinqasam fi tliet biċċiet biex l-istudenti ma jitgerfxux.

Kumment tal-aħħar jirrigwarda t-tul tal-komponiment letterarju. Anke hawn sibna varjazzjonijiet. Kien hemm karta fejn talbu li jiktbu 200 kelma, oħrajn 300 u oħrajn 400. Nissuġġerixxu li ladarba t-titlu qed jistaqsi dwar it-tema kollha mela jiktbu 400 kelma u l-istudenti jkunu mħejjija għal dan it-tip ta' komponiment.

Jekk hemm studenti li żgur se jagħtu karta B mela għandha toħroġ karta separata. Iżda mhuwiex sew li studenti li jifilħu jiktbu komponiment ta' 400 kelma jispiċċaw jiktbu wieħed ta' 200 meta wisq probabbli t-tema eżaminata mhix se terġa' tkun repetuta sal-aħħar tal-ħames sena.

## Konklużjoni

Nittamaw li dan ir-rapport iservi ta' gwida fit-tfassil tal-karti għas-sena skolastika 2011-2012. Wieħed ma jistax ma jinnotax il-varjetajiet fit-tfassil. M'aħniex qed naħsbu li kull karta għandha tkun l-istess iżda nemmnu li jekk bil-mod il-mod nersqu lejn tfassil xi ftit jew wisq komuni jkun aħjar. Ma jfissirx li hemm tqassim ta' marki aħjar minn ieħor. Iżda li kieku nistgħu niddiskutu lkoll flimkien u naqblu fuq komponenti u kriterji komuni żgur li l-karti tagħna, anke jekk xi ftit differenti, ikunu aktar tajbin.

Claire Zerafa u Phyllis Debono
**Kapijiet tad-Dipartiment tal-Malti**
**Segretarjat għall-Edukazzjoni Kattolika**